MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Avviz Numru. 307/2011

**Jean Pierre Azzopardi**

**vs**

**Matthew Bajada**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atttur fit-12 ta' Settembru 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna il-konvenut ihallsu is-somma li ma teccediex l-

ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha u tmenin Ewro centesmu (€ 11,646.87) rapprezentanti danni sofferti minnu kawza ta' xoghlijiet minnu esegwiti fuq inkarigu tieghu ossia l-installazzjoni ta' magna Mercruiser 5.7 litres V8 Petrol fid-dghajsa Bayliner 2252 Ciera Express bl-isem Registrat ta' 'Grazzja', liema xoghol sar bi traskuragni, imperizja u negligenza u nuqqas ta' hila u mhux skond is-sengha u l-arti u b'inadempjenza fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu u tal-inkarigu moghti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data illi fiha gew esegwiti x-xoghlijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Ottubru 2011 fejn eccepixxa s-segwenti:-

*"1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici billi din il-kawza titratta dwar valur incert jew indeterminat li skond* ***l-Artikolu 747*** *tal-Kap 12 jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata.*

*2. Subordinament u minghajr ebda pregudizzju ghal premess it-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi ma huwiex assolutament minnu li l-konvenut esegwixxa x-xoghol fdat lilu mill-attur bi traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' hila u mhux skond is-sengha u l-arti u b'inadmepjenza fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu, kif qed jigi allegat.*

3. *Illi l-konvenut esegwixxa l-inkarigu lilu moghti mill-attur b'hila u skont kif tirrikjedi l-arti u s-sengha u kull hsara li setghet giet kkagunata lill-magna Mercruiser mertu tal-kawza ma sehttix minhabba xi nuqqas tal-attur izda unikament b'tort u htija tal-attur, kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk ukoll, id-danni reklamati huma kontestati.*

4. *Sussidjarament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas ta' imghax mid-data li fiha gew esegwiti x-xoghlijiet qed tigi wkoll rigettata stante illi din hi kawza fejn qed tintalab il-likwidazzjoni tad-danni, u hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li meta t-talba hi ghall-likwidazzjoni tad-danni, l-imghaxijiet jiddekorru biss minn dakinhar li d-danni jigu likwidati.*

*Salv eccezzjonijiet ohra."*

Semghet il-partijiet jitrattaw il-kawza fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni u dan fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2011, u dan limitatament dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza.

Rat in-noti ipprezentati mill-partijiet seduta stante nhar is-16 ta' Dicembru, 2011.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minnha fl-ismijiet premessi nhar id-9 ta' Jannar 2012 (fol. 54) fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti sollevata mill-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Illi l-Qorti nnotat li l-materja in kwistjoni kienet wahda ta' natura teknika u ghalhekk hasset il-htiega li x-xhieda jixhdu quddiem l-espert tekniku nominat minnha u cioe' nhar it-28 ta' Marzu, 2012 meta l-Qorti nnominat lill-Espert Tekniku l-Inginier Marittimu Kurt Gutteridge sabiex jiehu konjizzjoni tal-process u dan peress li l-mertu tal-kawza in kwistjoni kien jittratta fuq kwistjoni teknika.

Il-fatti tal-kawza fil-qosor kienu s-segwenti:

Illi l-attur kien xtara dghajsa tal-ghamla Bay Liner Ciera Express 2252 mibnija fl-Istati Uniti fis-sena 1996 u dan fis-sena 2002 u beda jesperjenza xi probemi fiha u beda jinnota li l-magna bdiet tahli hafna *fuel* u wara li kienu saru xi testijiet u spezzjonijiet kien gie determinat li l-magna ma bdietx tilhaq il-velocita' (RPM) taghha, bdiet tishon u kellha bzonn tifetah u tigi kundizzjonata (*overhaul).* L-attur kien qabbad lill-konvenut jaghmel dan l-*overhaul.* L-intervent sar u d-dghajsa bdiet tahdem sew ghal xi zmien.

Jinghad li d-dghajsa baqghet tintuza sas-sena elfejn u disgha (2009) ghalhekk kienet qed tesperjenza problemi ta' *over heating* u dan sa mis-sena elfejn u sitta (2006) u kien gie deciz fuq il-parir tal-konvenut li tinbidel il-blokka u tigi mibdula b'wahda *re- conditioned*.

Jidher li x-xoghol kollu li sar in konnessjoni ma' din ir-*reconditioned engine* sar mill-konvenut inkluz il-prokurar tal-*parts* li kellhom jinbidlu. Jinghad li l-konvenut kien intrabat ukoll li wara li jaghmel ix-xoghol relattiv, huwa kien lest li jispezjona l-magna u f'kaz li jkun hemm xi haga mhux sew sal-31 ta' Mejju 2012 huwa kien lest li jirranga a spejjez tieghu. Din hi l-garanzija li ta fuq ix-xoghol tieghu.

Il-magna regghet infethet fis-sena 2010 mill-konvenut quddiem is-surveyor inkarigat mill-attur certu Anthony Dalli fejn kienu nstabu xi sinjali ta' *over heating* maghrufa bhala '*hot spots'*. Ghalhekk l-attur ma hallasx lill-konvenut tal-bilanc dovut u talab li jsiru *sea trials* mil-gdid quddiem is-Sur Dalli u jekk kollox ikun kif suppost kien lest li jhallas il-bilanc dovut minnu.

Is-*sea trials* saru u gie nnotat li kien hemm problema b'*over loading* tad-dghajsa kif sahansitra anke rraporta s-sur Dalli stess u ghalhekk kellhom isiru xi aggustamenti mad-distribuzzjoni u tqassim tal-pizijiet abbord, rimozzjoni ta' xi appendici kif ukoll it-tibdil tal-*propeller* u finalment kellhom isiru '*sea trials'* ohra.

Irrizulta li l-attur baqa' juza d-dghasja u sahansitra darba minnhom il-magna waqfet u kellhom jidhlu lura lejn l-art billi jaghmlu uzu mill-magna awziljarja. Il-problemi ttrangaw u ma kienux relatati ma' *over heating* u li fil-fehma tal-espert nominat mill-Qorti kienu ta' natura trivjali.

Pero' gara li darba minnhom l-attur hareg ma' Vince Bugeja u meta rritorna lura u fetah it-tap tal-kappa tac-*cylinder head* innota li kien hemm xi ilma. Kien hawn li l-attur rega' beda jilmenta mal-konvenut pero' din id-darba l-konvenut irrifjuta li jaghmel ir-riparazzjoni minghajr spejjez. L-attur hawnhekk tilef kull fiducja fil-konvenut u talab l-intervent tas-socjeta' Mecca Enterprises li hija r-rapprezentant hawn Malta tad-ditta tad-dghajsa u wara talab l-intervent ta' mekkanik iehor Martin Cassano (MC motors) sabiex flimkien mas-surveyor John Ross jifthu l-magna u jiddeterminaw il-kawza ta' dan id-difett u jaraw dak li kien hadem il-konvenut.

Is-surveyor John Ross wasal ghall-konkluzjoni li l-magna in kwistjoni kienet effettivament *Constructive Loss* u nstabet li ma kinitx ekonomikament vijabbli li l-istess magna tissewwa.

**L-Inginier Kurt Gutteridge** xehed fit-22 ta' Ottubru 2014 fejn esebixxa r-relazzjoni tieghu maghmula ai fini ta' digriet moghti lilu bhala espert tekniku. Din ir-relazzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dokument KG. Huwa tenna li kien diga' baghat kopja ta' dan ir-rapport lill-partijiet.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta s-segwenti bhala konluzjoni raggunta minnu:

1. *"Il-magna l-gdida hija effettivament magna re-conditioned u blokka tappartjeni ghal GM 5.7 litres bil-block/casting number 14093638, dan tal-ahhar m'huwiex serial/unique number.*

2. *Il-magna tidher li hadmet ghal numru ta' sieghat li jista' jitqies qrib ta' dak dikjarat ta' hamsin (50) siegha. Ma dehrux sinjali assocjati ma' hidma abnormali.*

3. *Internament il-blokka u s-cylinder head ghadhom f'kundizzjoni tajba.*

4. *Sinjali ta' sadid u korruzjoni kienu evidenti fuq il-pushrods u r-rocker arms. (Jghid li fil-fehma tieghu d-dhul tal-ilma ma sehhx minhabba li l-head ma kienitx issikkata sew.)*

5. *Meta wiehed jiehu in kunsiderazzjoni dawn il-punti u jikkunsidra wkoll is-sejbiet deskritti miz-zewg surveyors apputati mill-attur cioe' Anthony Dalli u John Ross, l-espert jidhirlu li:*

- *Bi 3-bladed propeller minflok 5-bladed propeller u bid-dghajsa ehfef il-magna hadmet sew u tidher li qarbet il-massimu ta' rivoluzzjonijiet (RPM).*
- *Temperaturi 'l fuq minn 160°F, li hija t-temperatura sa fejn ghandha tahdem il-magna ma kienux registrati.*
- *Il-punt tas-sur Ross fejn jghid illi 'the fresh water coolant was sampled and was found to be pure water with no additives'.*

Ghalhekk ikkonkluda li l-magna kienet qed tahdem taht kundizzjonijiet ta' stress li jeccedu n-norma li ghalihom il-magna hija ddisinjata u ghalhekk l-espert qabel mal-konkluzjoni tas-sur Dalli li l-magna '*is now working well and should not give any forseeable problems*' u fejn izid '*it is recommended that Mr Azzopardi does not place any additional equipmen*t.' Jghid li l-magna

kienet qed tahdem sew mekkanikament u s-sistema tal-ilma li tkessah il-magna kienet qed tassorbi s-shana kif suppost izda minhabba li l-magna ma bdietx tilhaq l-RPM kif suppost allura kien hemm lok ghal koncentrazzjoni ta’ shanat lokalizzati.

Jghid li fil-fehma tieghu l-uzu ta’ propeller ta’ 5 blades fuq magna li kienet taht stress ma ghenitx is-sitwazzjoni. Fil-fatt il-bdil tal-propeller ghen sabiex il-magna tahdem sew. Dwar il-kwistjoni li qajjem l-espert ex-parte fejn qal li l-konvenut kellu juza korboratur differenti l-espert ma jaqbilx u jghid li l-manifattur ma jindikax li f’kaz ta’ bdil ta’ magna jkun ipoggi korboratur differenti u ghalhekk zgur li dan ma jammontax ghal xi nuqqas da parti tal-konvenut.

Illi fir-rapport addizzjonali tieghu l-espert jikkonkludi li effettivament ma jaqbilx ma’ dak li qal John Ross li l-magna reconditioned kienet dikjarata *Constructive Total Loss* minhabba xi nuqqas da parte tal-konvenut u in oltre lanqas ma jaqbel li l-attur ma hallasx il-bilanc ta’ elf ewro (€1,000) ghaliex il-konvenut kien ingannah. L-espert lanqas ma jaqbel ma’ dak li qal l-attur li ghandu jigi kkumpensat fir-rigward tal-magna antika u dan ghaliex jghid li ma hemmx valur residwu meta tqis il-kundizzjoni tal-blokka u l-*heads* li kienu mraqqa zzejjed.  Jghid li in effetti kien hemm problema ta’ *scaling* li kienet ilha hemm ghal numru ta’ snin u din hija sinonima ma’ degradazzjoni fil-materjal tal-blokka. Jghid ukoll illi m’ghandux ghalfejn l-attur jigi kkumpensat ghas-cylinder heads l-antiki ghaliex dawn ma jistghux jigu uzati aktar minhabba l-limiti ta’ *machining stability* mal-manifattur kienu nqabzu.

**Kurt Gutteridge** xehed in eskussjoni nhar it-22 ta' Ottubru 2014 u mistoqsi minn fejn giet il-hamsin siegha li huwa kkonkluda li hadmet il-magna in kwistjoni wiegeb illi din gejja minn numru ta' seduti li huwa kien zamm. Huwa jaf li s-Sur Azzopardi fix-xhieda tieghu kien qal hames sighat pero' mbaghad wizen dak li ntqal u dak li ra u effettivament irrizultalu li l-magna hadmet hamsin siegha. Huwa spjega f'aktar dettall illi l-magna kif raha u cioe' illi hija *re-conditioned engine* ma hadmitx fir-realta' ghal hames sighat izda aktar u ghalhekk ix-xhud ikkonkluda li hadmet madwar hamsin siegha. Huwa spjega li kkonkluda li hamsin siegha minhabba l-ammont ta' depozitu u l-kondizzjoni li kienet il-magna ghal dawn is-sighat.

Huwa kompla jispjega li meta wiehed jara magna miftuha ma jistax jiddeciedi b'mod preciz kemm effettivament hadmet sempliciment minhabba li kellha *five bladed propeller* jew xi *propeller* iehor. M'hijiex xjenza ezatta u m'hemm l-ebda formola. Pero' zied jghid illi mix-xhieda li huwa gabar fil-prezenza anke ta' *surveyors* ohra li kienu tqabbdu precedentement kienu saru *sea trials* bi propeller originali li huwa *five bladed* pero' sussegwentement dan il-propeller inbidel *three bladed* u saru wkoll *sea trials* bih. Huwa ghamel referenza ghall-fatt illi s-Sur Azzopardi ghandu jhallas is-Sur Bajada s-somma ta' elf ewro (€1,000) peress illi kienet wahda mit-talbiet specifici u ghalhekk indirizzaha b'mod ghaliha.

Mistoqsi jekk ix-xhud qattx ra l-magna antika li hemm referenza ghaliha fir-rapport tieghu wiegeb illi qatt ma kien raha. Mix-xhieda li huwa sema kien hemm certu kwistjonijiet bhal kwistjoni ta' *reconditioned engine* li ma kienitx cara fejn anke darba minnhom is-Sur Azzopardi ma kienx cert jekk kinitx il-magna gdida jew le u ghalhekk ix-xhud spjega fir-rapport tieghu xi tfisser

*reconditioned engine* u kkonferma li l-magna li ra effettivament kienet *a reconditioned engine.* Spjega wkoll fuq nota sekondarja fejn il-magna tista' titqies Mer Cruiser izda ma kienx hemm indikat Mer Cruiser fuqha peress illi l-blokka in kwistjoni li hija l-magna proprja taghha, il-Mer Cruiser ma jibnuhiex huma bhal manifatturi l-ohra jirreferu ghal kumpaniji ohra li jipprovdu dan ix-xoghol u l-*assembly* finali ssir mill-Mer Cruiser. Mistoqsi jekk hux minnu li s-serial number ma jirrizultax wiegeb illi iva ma jirrizultax pero' anki din kien effettivament indirizzaha fir-relazzjoni tieghu a fol 14. In-numru fuq il-blokka huwa *casting number* u m'huwiex numru uniku. Huwa ghamel nota wkoll minhabba l-fatt illi fix-xhieda kienet harget li din il-magna m'hijiex b'serial number u ghalhekk ma tistax tigi registrata, semma kif kazijiet simili l-awtoritajiet jaccettaw li jirregistraw magni simili sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja li evidentement kien hemm xi kwistjoni illecita.

Mistoqsi jekk hux minnu li x-xhud ma ezaminax is-*cylinder heads* tal-magna wiegeb illi le, filfatt is-*cylinder heads* huwa rahom pero' mhux l-antiki li huwa kien ra. Huwa ddikjara li din il-kwistjoni tas-*cylinder heads* kien iddiskutiha anke mas-Sur Dalli u filfatt is-Sur Azzopardi u s-Sur Dalli kienu stqarrew illi kien prematur li tinbidel il-magna qadima. Pero' jirrizulta mix-xhieda li kien sema' illi milli jidher is-*cylinder head* kien sar wisq xoghol machining, illi l-limiti taghha kienu effettivament inqabzu. Din l-informazzjoni effettivament tirrizultalu mix-xhieda tal-konvenut kif ukoll mix-xhieda tas-Sur Dalli fejn bazikament il-konvenut kien qed jghid illi fl-opinjoni tieghu l-limiti tal-machine inqabez. Is-Sur Dalli qal li effettivament ma kienx jaf kemm kien sar machining u kien ikkonferma wkoll illi jekk effettivament kienu nqabzu l-limiti u cioe' dawk preskritti mill-manifattur allura ma tibqax tajba ghax-xoghol.

Hawnhekk huma kellhom kwistjoni fejn il-magna ma kinitx qed tilhaq il-*performance* taghha. Ix-xhud tenna li kellhom magna fejn bazikament bdiet taghmel ilma fit-top cupboard u hemmhekk wara li huwa analizza kollox, ra l-kundizzjoni tal-magna u naturalment sema' l-istorja kollha relatata ma' din l-istess magna. Huwa ghamel referenza ghall-fatt li s-Sur Dalli fir-rapporti tieghu li kien ukoll irrimarka li sab li d-dghajsa kellha tigi limitata fl-ammont ta' piz li kien jitqieghed fuqha. Ghamel riferiment ukoll ghall-fatt li meta ntuza t-*three bladed propeller* minflok wiehed *five bladed* kien hemm improvement fil-performance ta' din l-istess magna u ghalhekk raw li l-magna ma kellhiex sinjali ta' hruq intern fil-blokka. Huma gabru din l-informazzjoni kollha ancillari u ghalhekk hija l-opinjoni tieghu kif effettivament espressa fir-rapport illi l-*cooling system* tal-magna bdiet tahdem tajjeb pero' peress li l-magna kienet qieghda tahdem taht sforz eccessiv, ma kinitx qed tilhaq mal-RPM taghha u cioe' kemm suppost iddur il-magna u kien hemm *condensation* minhabba shanat lokalizzati li fis-sistema tal-magna anki meta saru *sea trial* ma bdewx juru fuq it-temperatura tal-magna nfisha. Naturalment dan qed jghidu wara li ra l-magna x-xhud. Fir-rapport qal illi d-dghajsa ma rahiex pero' jaf x'tip ta' dghajsa hi, ha nota tas-surveyor Tony Dalli u x-xhieda tieghu fejn inizjalment kien qal li ma jistax jizdied aktar piz f'din id-dghajsa. Fix-xhieda tieghu nhareg ukoll illi l-ammont ta' nies abbord kellhom ikunu minn disgha ghal erbgha jew hamsa. Ix-xhud ma kienx involut kemm fis-*sea trials* tad-dghajsa kif ukoll biex jezamina d-dghajsa per se. Huwa ma kellu l-ebda problema biex joqghod fuq il-*findings* tas-Sur Dalli u hekk ghamel.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur kif prezentata fl-atti nhar is-7 ta' Jannar 2015 u dik tal-konvenut prezentata fl-atti nhar il-11 ta' Frar 2015.

Rat ukoll in-nota addizzjonali ta' l-attur kif ipprezentata fl-atti minnu seduta stante nhar l-4 ta' Marzu 2015.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2015 dehru l-partijiet u l-avukat difensur tal-konvenut li tratta verbalment il-mertu tal-kawza u il-Qorti giet awtorizzata tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa sofra danni minhabba xoghol hazin li ghamel il-konvenut fuq dghajsa tieghu u sabiex konsegwentement tillikwida dawn l-istess danni hekk reklamati minnu. Il-konvenut min-naha tieghu jghid li huwa ma kkaguna l-ebda danni u li x-xoghol li huwa esegwixxa kien skond is-sengha u l-arti. Il-lanjanza principali tal-attur hi li hu ma qabilx mar-rapport tal-espert nominat mill-Qorti u dan dwar it-teknika tax-xoghol li esegwixxa l-konvenut pero' minkejja dan ma ghamel l-ebda talba ghall-hatra ta' periti perizjuri. Spjega li fil-fehma tieghu l-ammont tal-kawza kien wiehed irrizorju u ma talabx in necessita' ghal tali nomina addizzjonali.

Peress li l-kwistjoni kienet wahda purament teknika, din il-Qorti kienet innominat lill-Inginier Kurt Guttridge sabiex jiiehu konjizzjoni tal-provi fl-atti u jikkonkludi fuq it-talba attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza **"<u>Calleja vs Mifsud</u>"** irriteniet li:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet *grosso modo* sfavorevoli ghall-attur, dan ghazel li ma jressaqx talba ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali u llimita

ruhu li fl-ewwel lok jeskuti lill-perit tekniku u fit-tieni lok iressaq sottomissjonijiet bil-miktub.

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et**", din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet:

*"Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli."* (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

*"Ir-rigett minn Qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha (u cioe` ta` loti) trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

Ghalhekk 'in fin dei conti' qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999**; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku sema' d-diversi xhieda, semgha d-diversi esperti ex parti, ra d-dokumenti esebiti u ghamel ir-ricerka tieghu. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti zgur li mhix f'posizzjoni li tmeri inginier marittimu fuq kwisjtoni ta' teknika *sic et simplicite* u dan ghaliex zgur li mhux il-kompitu taghha.

Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali.

Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista**": *"ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-*

*mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu."*

Illi l-attur fin-nota tieghu jaghmel referenza ghal dak li xehdu u kkonkludew is-surveyors ex parte u ftit li xejn ta' accen ghal dak li kkonkluda l-espert nominat mill-Qorti. Kien jispetta lill-attur li jitlob in-nomina ta' perizja perizjuri f'kaz li dehrlu li l-Perit Tekniku nominat mill-Qorti kien zbaljat ghaliex fi kwistjoni ta' teknika specjalizzata u cioe' ta' inginerija marittima din il-Qorti ma thossx li hija f'posizzjoni li tmeri dak li kkonkluda l-espert taghha. Kien id-dover tal-attur li jipprova li huwa sofra danni minhabba xoghol hazin li ghamel il-konvenut u dan bir-rispett kollu ma ghamlux. Strah aktar fuq il-fatt li ressaq il-provi ex parti tieghu milli jindika fejn effettivament hadem hazin il-konvenut. Jidher addirittura li l-espert nominat mill-Qorti abbraccja hafna mid-decizjonijiet li ha l-konvenut fil-qadi ta' dmirijietu. Il-konvenut fin-nota tieghu jghid li din il-Qorti ghandha tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut il-bilanc dovut minnu fl-ammont ta' elf ewro (€1,000). Bir-rispett kollu pero' din il-Qorti mhix rinfaccjata b'xi kontro-talba u ghalhekk zgur li ma tistax tiehu konjizzjoni ta' talba simili li giet invokata sempliciment permezz ta' nota ta' sottomissjoni u ghalhekk qed tigi rigettata minnufih.

**Fic-cirkostanzi u minhabba fil-premess din il-Qorti ma hix tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova l-kaz tieghu u ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici u takkolji l-ecezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut salv u b'ecezzjoni tal-ewwel eccezzjoni fejn din il-Qorti gia ppronunzjat ruhha u ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.**

**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------